MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 209/1984/1

**John Farrugia**
**Vs**
**Salvu Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-kontendenti kienu jiggestixxu flimkien il-hanut “King Fisher Bar & Restaurant”, f’Concreve Street, Zurrieq, u dan sat-30 ta’ Settembru, 1982;

Premess illi bi ftehim bejn il-kontendenti, l-attur ceda sehemu lill-konvenut u dan bil-prezz hemmhekk miftiehem u liema prezz kellu jithallas f’ammonti ta’ elf lira l-wiehed kull sitt xhur bl-ewwel pagament mal-ftehim u l-pagamenti l-ohra ta’ elf lira l-wiehed kull sitt xhur u ghalhekk l-ewwel

pagament dovut kellu jkun fl-1 ta’ April, 1983, u kif ukoll il-kundizzjonijiet l-ohra kollha imsemmija f’dak il-ftehim;

Premess illi l-konvenut naqas li jhallas lill-attur il-pagament ta’ Lm1,000 dovut fl-1 ta’ April, 1983, u ghadu ma hallasx dan l-ammont sallum, b’dan illi ghad-dewmien fil-hlas tal-pagament kellu jiddekorri imghax ta’ tmienja fil-mija fis-sena u ghalhekk sal-1 ta’ Frar, 1984, il-konvenut kellu jhallas lill-attur is-somma komplessiva ta’ Lm1,066.66,6 (elf, sitta u sittin lira, sitta u sittin centezmu u sitt millezmi) u dan kwantu ghas-somma ta’ Lm1,000 bhala kapital u kwantu ghas-somma ta’ Lm66.66,6 bhala imghax bit-8% fis-sena mill-1 ta’April, 1983, sal-31 ta’ Jannar, 1984;

Premess illi skond l-istess ftehim, peress illi kien ghad baqa’ kontijiet pendenti bejn il-kontendenti, l-kontendenti kienu ftehmu illi jhallsu lill-xulxin dak dovut appena jkunu jafu precizament x’hinu dak dovut;

Premess illi in konnessjoni ma dawk il-pendenti, l-attur ghandu jiehu minghand il-konvenut is-somma ta’ Lm 356.50,0 (tlett mija u sitta u hamsin lira u hamsin centezmu) filwaqt li l-konvenut ghandu jiehu minghand l-attur is-somma ta’ tletin lira u wiehed u tletin centezmu (Lm30.31,0) u ghalhekk l-attur ghandu jiehu minghand il-konvenut is-somma ta’ tlett mija u sitta u ghoxrin lira u dsatax il-centezmu (Lm326.19,0);

Premess illi waqt li l-kontendenti kienu jiggestixxu l-hanut hawn fuq imsemmi flimkien, l-attur kien silef lill-konvenut is-somma ta’ Lm1,000 sabiex ikun jista’ jaghmel negozju iehor mhux konness man-negozju tal-hanut hawn fuq imsemmi u liema ammont il-konvenut qed jirrifjuta li jirrifondi lill-attur stante li qed jallega illi hallas l-istess ammont lill-attur;

Jghid ghalhekk il-konvenut, ghaliex din il-Qorti, m’ghandiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta’ Lm1,066.66,6 dovuti lill-attur u liema somma tinkludi l-imghax bir-rata ta’ Lm8% fis-sena mill-1 ta’ April, 1983,

sal-31 ta' Jannar, 1984, u l-imghaxijiet ulterjuri bit-8% fis-sena mill-1 ta' Frar, 1984 sad-data tal-effettiv pagament;

2. Tikkundanna lill-konvenut li jirrifondi lill-attur is-somma ta' Lm1,000 lilu mislufa mill-attur u dan bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Ottubru, 1983;

3. Tikkundanna lill-konvenut li jirrifondi lill-attur is-somma ta' Lm326.19,0 li hu dovut lill-attur bhala settlement tal-pendenzi li kien baqa' bejn il-kontendenti u li kienu gew imsemmija fl-iskrittura privata ta' bejn il-kontendenti.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-4 ta' Ottubru, 1983, kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tal-attrici huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghar-rigward ta' l-ewwel talba l-pagament relattiv kellu jigi kumpensat ma ammonti ohra dovuti lill-eccipjenti skond l-istess ftehim u meta l-bilanc risultanti gie offrut lill-attur u dan irrifjutah ingustament, dan l-istess bilanc gie depozitat fir-Registru ta' din il-Qorti.

2. Illi ghar-rigward tat-tieni talba, l-ammont relattiv gie rifuz interament lill-attur b'dan pero illi n-negozju li sar bejn il-kontendenti ma kienx dak ta' self, izda ta' bejgh u xiri ta' flus barranin.

3. Ghar-rigward tat-tielet talba tal-attur, l-ammont pretiz mill-attur qieghed jigi kontestat stante illi huwa qatt ma avza lill-eccipjenti b'dawn il-pretensjonijiet u ghalhekk l-eccipjenti sallum ghad qatt ma kellu l-opportunita li jivverifika l-korrettezza o meno ta' din il-pretensjoni li fi kwalunkwe kaz trid tigi pruvata.
Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat ir-relazzjoni tal-Perit komputista John Bonnici minnu mahlufa fl-udjenza tal-10 ta' Gunju 2003;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi l-kontendenti ahwa Farrugia kienu jiggestixxu flimkien il-hanut bl-isem King Fisher Bar & Restaurant f' Concreve Street, Zurrieq; u fis-27 ta' Ottubru 1982 ffirmaw skrittura privata[Dok.JF2 – Fol.204] li permezz taghha ftehemu li ma jibqghux jiggestixxu l-istess negozju flimkien u li l-attur jitrasferixxi u jcedi sehemu lill-konvenut, taht il-kondizzjonijiet indikati fl-istess skrittura.

Illi l-attur qed isostni li fit-termini tal-imsemmi ftehim huwa ghandu jiehu minghand il-konvenut is-segwenti somom ta' flus [1] Lm1000 rapprezentanti pagament dovut lilu, flimkien ma' Lm66.66,6 imghax tat-8% mill-1 ta' April 1983 sal-31 ta' Jannar 1984; [2] Lm1,000 rapprezentanti self maghmul minnu lill-konvenut; u [3] Lm326.16 kreditu dovut lilu wara tpacija ta' ammont dovut minnu lill-konvenut.

Illi l-Perit komputista wara analizi tal-provi u d-debita konteggi wasal ghall-konkluzzjoni li l-attur ghandu jiehu minghand l-konvenut is-somma globali ta' Lm2,052.20 li Lm746 minnhom kienu gia gew depozitati fil-Qorti mill-istess konvenut.

Illi l-konvenut minn naha tieghu jichad li ghandu jaghti dan l-ammont u fin-nota tal-osservazzjoni tieghu jsostni li l-ammont dovut minnu lill-attur huwa ta' Lm1,052.20 inkluzi f' dan l-ammont is-somma ta' Lm746 fuq indikata.

Illi din il-Qorti ma tarax raguni valida ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet raggjunti mill-Espert Komputista, multo magis meta l-konvenut jidher li ma baqax jinsisti ghan-nomina ta' periti perizjuri.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa adozzjoni fl-intier tieghu tar-rapport tal-Perit Komputista u fit-termini tal-istess, tilqa' t-talbiet attrici limitatament ghas-somma globali ta' Lm2,052.20 li hija dovut lill-attur mill-konvenut, u li Lm746 minnha jinsabu depozitati fir-Registru tal-Qorti. L-imghax legali fuq l-bilanc ta' Lm1306.50 jibda jiddekorri mill-4 ta' Ottubru 1983 kif mitlub.

L-ispejjez tar-registru u tal-Perit Tekniku ghandhom jigu sopportati mill-kontendenti wgwalment bejniethom; filwaqt li l-kumplament jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------